MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2011

Numru 215/2011

**Il-Pulizija**
**Sp Joseph Hersey**
**vs**
**Wahoub Yaser**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Wahoub Yaser ta’ 38 sena iben Abdulazziz u Amena mwieled Sirja fil-5 ta’ Awissu 1973 u residenti Marsascala.

Akkuzat talli fix-xhur ta’ qabel l-24 ta’ Jannar 2011 bhala persuna illi nizel jew telaq minn Malta ghamel jew gieghel illi jinghata xi prospett falz, dikjarazzjoni falza jew taghrif ta’ fatti foloz lill-Ufficjal Principali ta’ l-Immigrazzjoni bi ksur ta’ l-Artikolu 32 (1) (C) tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U iktar talli fl-istess cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat u

cioe 'residence permit' numru GR1754550 u dan bi ksur tal-Artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali fejn ta l-kunsens tieghu biex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kaz.

Ikkonsidrat

Peress li jirrizulta mill-provi tal-Ufficjal Prosekutur, Spettur Joseph Hersey li l-prosekuzzjoni minkejja dubju inizjali ma ghandhiex prova illi l-passaport meritu\ ta' l-akkuza huwa falsifikat; peress li jirrizulta illi fl-istess tip ta' cirkostanzi, il-Qorti tal-Magistrati kif diversament preseduta gharfet illi kellha tillibera minn kull htija lill-imputat migjub quddiemha, (ara Dok JH); din il-Qorti ma tarax li ghandha alternattiva ghajr li ssib li ssib lill-imputat mhux hati skond l-akkuza u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------